

Appell ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2021 minn Apologistics GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla) fil-21 ta' April 2021 fil-Kawża T-282/20 – Apologistics GmbH vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-369/21 P)

(2021/C 462/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Apologistics GmbH (rappreżentant: H. Hug, Rechtsanwalt)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni, Markus Kerckhoff

B'digriet tat-22 ta' Settembru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma għandux jiġi ammess u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż tagħha stess.

Appell ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2021 minn repowermap.org mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla) fit-28 ta' April 2021 fil-Kawża T-872/16, repowermap.org vs EUIPO u Repower

(Kawża C-417/21 P)

(2021/C 462/29)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: repowermap.org (rappreżentanti: P. González-Bueno Catalán de Ocón, abogado, W. Sakulin, advocaat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Repower AG

B'digriet tat-8 ta' Settembru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) ordnat li l-appell ma huwiex ammess.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-30 ta' Lulju 2021 – La Quadrature du Net, Fédération des fournisseurs d'accès à Internet associatifs, Franciliens.net, French Data Network vs Premier ministre, Ministère de la Culture

(Kawża C-470/21)

(2021/C 462/30)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: La Quadrature du Net, Fédération des fournisseurs d'accès à Internet associatifs, Franciliens.net, French Data Network

Konvenuti: Premier ministre, Ministère de la Culture

Domandi preliminari

- 1) Id-data tal-identità ċivili li tikkorrispondi ma' indirizz IP tinsab fost id-data relatata mat-traffiku jew ta' lokalizzazzjoni suġġetta, bħala prinċipju, għall-obbligu ta' stħarriġ minn qabel minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti li għandha setgħa vinkolanti?